

32003D0516

L 181/25

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TA' L-UNJONI EWROPEA

19.7.2003

ID-DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL**tas-6 ta' ġunju 2003****li tirrigwarda l-firma ta' numru ta' Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Uniti ta' l-Amerika dwar l-estradiżżjoni u l-ghajjnuna legali reċiproka f'materji kriminali**

(2003/516/KE)

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkonsidra t-Trattat li jstabbilixxi l-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikoli 24 u 38 tiegħu,

Billi:

- (1) L-Istati Membri ta' l-Unjoni Ewropea jikkoperaw f'materji kriminali ma' l-Istati Uniti ta' l-Amerika fuq il-bażi ta' numru ta' ftehim bilaterali, konvenzjonijiet, trattati, liġijiet u arranġamenti nazzjonali.
- (2) L-Unjoni Ewropea hija ddeterminata li tittejjeb din il-koperazzjoni sabiex tkun tista' tikkumbatti, b'mod partikolari, id-delitti u t-terroriżmu transnazzjonali f'manjera iktar effettiva.
- (3) Fis-26 ta' April 2002, il-Kunsill iddeċieda li jawtorizza lill-Presidenza, megħjuna mill-Kummissjoni, li tidħol f'negozjati ma' l-Istati Uniti ta' l-Amerika, u l-Presidenza nnegozjat żewġ Ftehim dwar il-koperazzjoni internazzjonali fil-materji kriminali, wieħed dwar l-ghajjnuna legali reċiproka u l-ieħor dwar l-estradiżżjoni, ma' l-Istati Uniti ta' l-Amerika.
- (4) Kull ftehim għandhom jiġu ffirmati f'isem l-Unjoni Ewropea, bla ħsara għall-konklużjoni sossegwenti tagħhom. L-Unjoni Ewropea trid, mal-waqt tal-firma, tagħmel id-dikjarazzjoni li 3ġejja:

"L-Unjoni Ewropea tiddikjara li tinsab fil-proċess ta' l-iżvilupp ta' żona ta' libertà, sigurtà u ġustizzja, li jista' jkollha konsegwenzi li jaffettwaw kull ftehim ma' l-Istati Uniti. Dawn l-iżviluppi jridu jiġu kkonsidrati bil-għaqal mill-Unjoni b'mod partikolari rigward l-Artikolu 10(2) tal-Ftehim dwar l-Estradiżżjoni. L-Unjoni trid tixtieq li tikkonsulta ma' l-Istati Uniti ta' l-Amerika sabiex issib

is-soluzzjonijiet għal kull żviluppi li jaffettwaw kull Ftehim, inkluż, jekk meħtieġ, permezz tar-reviżjoni ta' kull Ftehim. L-Unjoni tiddikjara illi l-Artikolu 10 ma jikkostitwixxix preċedent għan-negozjati ma' pajjiżi terzi."

- (5) Kull Ftehim jipprevedu fl-Artikolu 3(2) illi jridu jiġu skambjati strumenti bil-miktub bejn l-Istati Uniti ta' l-Amerika u l-Istati Membri ta' l-Unjoni dwar l-applikazzjoni tat-trattati bilaterali. L-Artikolu 3(3) tal-Ftehim dwar il-ghajjnuna legali reċiproka jipprovdi obbligu simili għal dawk l-Istati Membri li ma għandhomx trattat ta' ghajjnuna legali reċiproka ma' l-Istati Uniti. Bil-ħsieb li jifasslu dawn l-istrumenti bil-miktub l-Istati Membri għandhom jikkordinaw l-azzjoni tagħhom ġewwa l-Kunsill,

IDDEĊIEDA KIF ĠEJ:

Artikolu 1

1. Il-President tal-Kunsill huwa hawnhekk awtorizzat li jinno-mina l-persuna/i mogħtija l-poter li jiffirma/w kull Ftehim f'isem il-Komunità, bla ħsara għall-konklużjoni tagħhom iktar tard.

2. It-test ta' kull Ftehim u n-Noti ta' Spjegazzjoni li jakkumpanjawhom, fejn ta' l-aħħar jirreġistraw ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Uniti ta' l-Amerika, huma annessi ma' din id-Deċiżjoni.

Artikolu 2

1. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-passi meħtieġa bil-ħsieb li jfasslu strumenti bil-miktub bejniethom u l-Istati Uniti ta' l-Amerika kif ikkuntemplat fl-Artikolu 3(2) u (3) tal-Ftehim dwar il-Ghajjnuna Legali Reċiproka.

2. L-Istati Membri għandhom jikkordinaw l-azzjonijiet tagħhom skond il-paragrafu 1 ġewwa l-Kunsill.

Artikolu 4

Din id-Deċiżjoni u l-annessi tagħha għandhom jiġu ppubblikati fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

Artikolu 3

Fil-każ ta' estensjoni ta' l-applikazzjoni territorjali ta' kull Ftehim skond it-tieni inċiż ta' l-Artikolu 20(1)(b) tal-Ftehim dwar l-Estradizzjoni jew it-tieni inċiż ta' l-Artikolu 16(1)(b) tal-Ftehim dwar il-Għajnuna Legali Reċiproka, il-Kunsill għandu jiddeċiedi bl-unanimità f'isem l-Unjoni Ewropea.

Magħmula fil-Lussemburgu, fis-6 ta' Ġunju 2003.

Għall-Kunsill

Il-President

M. CHRISOCHOÏDIS